**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Paul Camilleri**

Kaz Numru: 516/2015

Illum 11 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Paul Camilleri ta' 37 sena, iben John u Carmen nee' Caruana, imwieled Qormi fil-15 ta' Frar 1978, residenti 10, Triq Matty Grima, Bormla u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 592678M talli f'xi jum bejn is-06 t'Awwissu 2007 u s-27 t'Awwissu 2007:

1. Ikkommetta serq ta' apparat elettroniku u/jew oggetti ohra minn gewwa l-kumpless ta' Eden Foundation sitwat fiz-Zona Industrijali, Bulebel limiti ta' Zejtun liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li l-jeccedi l-ammont ta' Lm1,000 (€2,329.37)ghad-detriment ta' Eden Foundation, MDC u/jew ta' xi persuna/I w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artiklu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant din giet sodisfjacentement ippruvata.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat li mhix wahda netta. Semghet lill-ufficjal tal-probation tixhed dwar il-passat iebes tal-imputat u li l-imputat matul iz-zmien ghamel progress. Ghaldaqstant mhix se timponi piena karcerarja effettiva izda wahda b'terminu sospiz u inoltre' tordna l-hrug ta' ordni ta' supervizjoni billi l-imputat ghad ghandu bzonn l-ghajnuna.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278(2), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal erbatax-il xahar (14) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn (2).

Inoltre' a tenur tal-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' ordni ta' supervizjoni fil-konfront tal-hati ghal zmien Sentejn (2) skont id-digriet anness li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Tordna wkoll lill-hati jhallas l-ammont ta' tlett mija u tmienja u tmenin Euro (€388) rapprezentanti hlas ta' esperti liema ammont tenut kont tac-cirkostanzi tal-imputat ghandhom jithallsu fi zmien sentejn.

Il-Qorti wissiet lill-hati bl-import tas-sentenza u l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet moghtija mill-ufficjal sorveljanti.

Tordna li kopja tal-atti u ta' din is-sentenza jintbaghtu ghand l-Avukat Generali skont il-ligi.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat